6.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill m'ghandu johrog ebda permessi ghall-posti meta jsiru kuncerti fil-lokal ghajr fiz-zona ta' l-ex Parade Ground stess, liema permessi normalment jinhargu lill-organizzaturi stess.

6.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2807/09/O** 27/05/09 Ittra li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Kura Primarja dwar il-ftuh ta' Berga fil-Kunsill qabel bdew id-diskussjonijiet mal-Kunsill stess.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2807/09/O** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jixtri Examination Couch, stainless steel litterbin u magna li tkejjel il-pressjoni fid-demm sabiex ikunu jistgħu jintużaw mit-tabib/nurse li ser jibda jkun hemm fil-Berga. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jaccetta li l-Berga tibda tkun miftuha ghall-pubbliku nhar t'Erbgha bejn il-11.30 am u 12.45 pm. Il-kelliem ippropona ukoll li jigu nstallati rollerblind ghall-privatezza minhabba li ser jintuza l-ufficcju tas-Sindku.

6.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2814/09/I** 27/05/09 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali (Ms. Gemma Debono) tinforma lill-Kunsill li d-Dipartiment ma jistax jifhem fuq liema kriterji l-Kunsill iddecieda li jnaqqas il-vot ta' Bulky Refuse li hija funzjoni statutorja

tal-Kunsill sabiex jallokhom ghal xiri ta' DVD dwar il-lokal.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2814/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet ta €736.00 ghas-sena 2009/2010 u €704.00 ghas-sena 2008/2009. Il-kelliem qal li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandu jkun infurmat li l-Kunsill hass li dan ma kienx bizzejjed ghal dan ix-xoghol u, apparti li fil-laqgha li saret fil-Kunsill ta' Hal-Qormi s-Sindku Joe Zammit kien ipprotesta bil-qawwa kontra dan il-vot ghax ihoss li ma jaghmilx sens, izda qal li kien inghata risposta sarkastika li "qed tfissdu wisq lir-residenti taghkom, ahdmu b'dak li ghidnilkom ahna, jekk ikollkom aktar fondi zieduhom inthom". Il-kelliem qal l'intant il-Kunsill alloka taht dan il-vot dak kollu li haseb li ghandu zejjed u ghalhekk ma jistax jifhem kif il-Kunsill gie akkuzat li qed jaghmel u kwota "tnaqqis mill-allokazzjoni li tkun inghatat ghal funzjoni statutorja" meta il-Kunsill mhux qed inaqqas mill-allokazzjoni statutorja l'inghta ta' €736.00 imma minn dak li tefa zejjed f'dan il-vot. Il-kelliem qal li kien ikun aktar ghaqli u tajjeb li l-ewwel id-Dipartiment indaga biex jara x'somma alloka statutorjament ghal dan id-dipartiment taht dan il-vot u fahhar il-Kunsill li zied sostanzjalment dan il-vot u li meta jitnaqqsu dawk ivvutati biex isir id-DVD tal-lokal xorta jizboq bil-bosta l-vot statutorju li ghogbu jalloka d-Dipartiment.

6.48. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2815/09/I** 27/05/09 — E-Mail minghand Annachiara Del Prete minn Spanja titlob informazzjoni dwar studju li qed taghmel dwar ghaqdiet tan-nisa li hawn f'Malta.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2815/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li s-Sindku Joe Zammit kien infurmah li minhabba li din il-materja ghandha x'taqsam man-nisa huwa kien ghaddiha lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex tara jekk tixtieqx tiehu hsieb.

**46/2822/09/I** 27/05/09 — Ittra minghand l-Ufficcju tal-Prim Ministru jitolbu aktar informazzjoni u Budget ta' kemm ser jiswa l-progett propost mill-Kunsill ghall-Iskema Lokalitajiet Sostenibbli.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2822/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel stima skond il-kwotazzjoni li kien ircieva minghand Dr. Mark Bugeja.

6.52. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.54. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk is-servizz ser jinghata eventwalment minn Dr. Bugeja u jinqabez l-ammont stipulat fil-proceduri finanzjarji jkun hemm il-htiega li jingabru kwotazzjonijiet jew li jinhareg tender.

**46/2827/09/I** 27/05/09 — Lista minghand il-Kummissarju ghall-Ghaqdiet Volontarji b'lista ta' NGO's li hawn li jahdmu favur l-annimali.

6.55. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li tintaghzel ghaqda mill-lista vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009.

6.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li min ser jintaghzel ser jigi deciz aktar tard.

6.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li ghandu bzonn din l-informazzjoni halli tkun tista' titnizzel fuq il-programm ta' Jum Pembroke 2009.

**46/2828/09/I** 27/05/09 — Kwotazzjoni minghand il-Malta Aviation Museum jinfurmaw lill-Kunsill bil-hlasijiet li jitolbu ghal min izur il-post.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2828/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009.

6.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2835/09/I** 28/05/09 — Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Captain Morgan Cruises jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru ghall-prezz ta' € 12.00 ghal kull persuna ghal Harbour Cruise.

**46/2883/09/I** 29/05/09 — Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Hornblower Cruises jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru ghal-prezz ta' € 12.00 ghal kull persuna ghal Cruise minn San Pawl ghal Marsamxett, il-Port il-Kbira u lura.

**46/2884/09/I** 29/05/09 — Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Hera Yacht Malta jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru ghall-prezz ta' € 11.00 ghal kull persuna ghal Harbour Cruise.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2835/09/I, 46/2883/09/I u 46/2884/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta l-offerta ta' Hornblower Cruises vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009 u dan minhabba li s-servizz offrut huwa itwal hafna fil-hin.

6.62. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2837/09/I** 27/05/09 — Kwotazzjoni minghand Melita Trains jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2837/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill ghandu jivverifika jekk dawn jistghux jigu fil-lokal nhar Jum Pembroke.

6.65. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2848/09/I** 28/05/09 — Ittra minghand l-European Union Programmes Agency jinfurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma gietx accettata minhabba diversi fatturi.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2848/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli informa lill-Kunsill li din kienet it-tieni darba li dan il-programm ma giex accettat.

6.68. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li s-Sindku Joe Zammit kien qallu li sadanittant ma jistax jifhem kif sa l-ewwel ta' Gunju 2009, il-Kunsill kien ghadu ma nfurmax permess t'e-mail lil Bradford on Avon, Pembroke Dock u Roccalumera li l-applikazzjoni ghall-fondi ghad ma kienetx accettata bl-iskuza li s-Sindku ghad ma iffirmax l-ittri. Il-kelliem qal li minn meta nistennew l-ittri u ma nibghatux risposti mill-ewwel bl-email u "hard copies to follow" bil-posta.

6.69. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ittra ta' l-agenzija waslet ghand il-Kunsill il-Hamis 28 ta' Mejju 2009 u huwa skond in-norma li ssir dlonk

ifformola draft sabiex tigi vverifikata mis-Sindku Joe Zammit kif dejjem isir qabel ma' din tintbaghat. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-ghada l-Gimgha 29 ta' Mejju 2009 huwa kien leave u s-Sindku Joe Zammit, ghalkemm l-ittri kienu fl-ufficcju tieghu, ma gewx ivverifikati minnhu qabel it-Tnejn filghaxija l-1 ta' Gunju 2009.

6.70. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ma tistax tifhem kif ikun hemm kazi li s-Sindku Joe Zammit jibghat ittri mill-ewwel u ohrajn ikun hemm dewmien.

**46/2849/09/I** 28/05/09 Proposta minghand il-kumpanija Maltapost plc sabiex l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill jibda joffri s-servizzi ta' Sub Post Offices.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2849/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.72. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jiddiskuti dawn il-proposti darb'ohra.

6.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2850/09/I** 28/05/09 Ittra minghand Ms. Madlene Muscat toffri s-servizz li tghallem ix-xoghol tal-bizzilla.

6.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2850/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jqassam leaflet lir-residenti ghall-interess f'dan is-suggett.

6.76. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2851/09/I** 28/05/09 Ittra ffirmata minn numru ta' residenti jitolbu lill-Kunsill sabiex tigi nstallata sleeping police fi Triq Pietru D'Armenia minhabba li qed ikun hemm sewqan eccessiv.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2851/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess tal-ADT biex issir quddiem Blokk 6 fi Triq Pietru D'Armenia.

6.79. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2881/09/I** 29/05/09 Lista ta' prezzijiet tal-kumpanija Gozo Channel Company Limited.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2881/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009.

**46/2886/09/I** 29/05/09 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Curtain Raiser jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru ghall-attivitajiet tat-tfal.

**46/2892/09/I** 29/05/09 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Zoo Media Entertainment jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru ghall-attivitajiet tat-tfal.

**46/2893/09/I** 29/05/09 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Partytrap Animations jinfurmaw lill-Kunsill bis-servizzi li jistghu joffru ghall-attivitajiet tat-tfal.

6.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2886/09/I, 46/2892/09/I u 46/2893/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Zoo

Media Entertainment ghal face painting vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009.

6.83. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2890/09/I** 29/05/09 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija Marsovin ghall-attivita' ta' wine tasting bil-prezzijiet ivarjaw bejn € 11.75 u € 12.95 ghal kull persuna. Il-kumpanija tinforma lill-Kunsill li tista' ssir attivita' nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2009.

**46/2922/09/I** 02/06/09 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija MK Leisure ghall-attivita' ta' wine tasting bil-prezz ta' 14.50 ghal kull persuna.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2890/09/I u 46/2922/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' MK Leisure vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009 u dan minhabba l-fatt li l-attivita' ma tistax issir fit-30 ta' Gunju.

6.86. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2891/09/I** 29/05/09 Kwotazzjoni minghand Hotel Xlendi Resort & Spa jinfurmaw lill-Kunsill bil-facilitajiet li jistghu joffru fil-lukanda taghhom ghall-prezz ta' € 20.00 ghall-kbar u € 10.00 ghat-tfal taht is-16 il-sena.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2891/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Hotel Xlendi Resort & Spa vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009 jekk dan jipprovdi t-trasport ukoll mal-prezz.

6.89. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2897/09/I** 29/05/09 Ittra minghand Dr. Denis Vella Baldacchino jinforma lill-Kunsill li d-Dipartiment huwa konxju li ghad hemm diskussjonijiet dwar l-operat ta' Berga f'Pembroke.

6.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2897/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2898/09/I** 01/06/09 Ittra minghand il-MEPA jinfurmaw lill-Kunsill li mill-fond UIF hemm disponibbli l-ammont ta' € 11,320.76 li jista' jintuza fuq il-gnien ta' Jum Pembroke kif kien elenka l-Kunsill.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2898/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab kjarifika fuq dan ghax skond il-kuntratt iffirmat il-Kunsill kellu jinghata €28,301.00.

6.93. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan l-ammont huwa l-ammont allokat apparti l-kuntratti li diga hemm iffirmati. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li dan l-ammont jista' jintuza ghal Gnien 4 ta' Lulju kif diga l-Kunsill kien informa lill-MEPA skond lista ta' prijoritajiet. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li biex jiehu dawn il-flus ikun irid jaghmel ix-xoghol kollu li hemm indikat fl-istima originali tal-Perit.

**46/2899/09/I** 01/06/2009 Kwotazzjoni minghand Edward Cachia fejn joffri s-servizz tieghu ghal

daqq bil-kitarra u l-mandolina ghall-prezz ta' € 115.00 inkluz il-Vat.

6.94. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2899/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009.

6.95. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2906/09/I** 01/06/2009 Ittra minghand is-sinjura Liliana Micallef titlob aktar informazzjoni dwar ic-cirkulari li qassam il-Kunsill dwar Progetti ta' l-EU ghaz-Zghazagh.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2906/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill jinforma lis-sinjura li l-Kunsill qed jigbor lista ta' persuni li jixtiequ li jkunu kkuntatjati meta jkun hemm opportunitajiet ghaz-zghazagh.

**46/2913/09/I** 01/06/2009 Kwotazzjoni minghand Wise Owl Pubblications ghal diversi kotba fosthom Loghob Taqbil u Gugarelli ta' Guido Lanfranco biex jinghataw lit-tfal tas-sitt sena f'Jum Pembroke.

6.98. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2913/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' Wise Owl Pubblications vis-a-vis l-attivitajiet li ser isiru ghal Jum Pembroke 2009.

6.99. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2915/09/I** 01/06/09 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali (Ms. Gemma Debono) tinforma lill-Kunsill li m'hijiex funzjoni tal-Kunsill li jorganizza gita ta' gurnata ghal xiri minn Sqallija u tat struzzjonijiet sabiex din l-attivita' titwaqqaf immedjatament.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2915/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li d-Dipartiment ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill rtira mill-gita ta' Sqallija izda fl-istess hin qed jitlob li ssir laqgha mad-Direttur halli jkun jista' jigwida lill-Kunsill x'attivitajiet jista' jaghmel il-Kunsill.

6.102. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.103. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Konguntí ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ma kienx hemm kummenti ghajr li gew riferuti ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha li kien hemm.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli pprezenta kopja tal-programm ta' l-attivitajiet ghal Jum Pembroke kif emendat. **(Ara dokument F)**

8.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna konferma minghand l-Ambaxxata Amerikana dwar il-possibilita' li l-Gimgha 3 ta' Lulju Jazz Band Amerikana taghmel kuncert fil-lokal.

8.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill ma jistax joqghod jistenna u jekk ma jkunx hemm konferma sa nhar it-Tnejn 8 ta' Gunju il-programm ghandu jinhareg kif propost minghajr l-attivita' Amerikana.

8.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari kollha tal-Kabinett biex jekk huwa possibbli joffru sponsor vis-a-vis l-attivitajiet ta' Jum Pembroke.

8.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li f'Jum Pembroke ghandhom jigu mistiedna Hector Bruno u George Micallef li jaghmlu l-parti ta' Jessie u Bessie fuq NET TV biex jallegraw lir-residenti, li ssir prezentazzjoni ta' mementos lil dawk it-timijiet u individwi li ghamlu isem lill-lokal, li jigu mistiedna l-Kunsilli ta' Roccalumera, Pembroke Town, Pembroke Dock, id-Deputati Membri Parlamentari kollha li jikkontestaw l-10 Distrett Elettorali, l-Kapijiet ta' l-iskejjel tal-lokal, il-President u s-Segretarju ta' l-Ghaqdiet Sportivi tal-lokal, il-Kumitat tal-Welsh Society, id-Dirigenti tal-hwienet li hawn fil-lokal inkluz l-SAS Radisson Pay Point u San Gorg Corinthia Beach Resort.

8.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument G u H)**

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

9.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jaghmel pjanta biex issir kalata tal-bocci fi Triq il-Mediterran wara l-Bring in Site.

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsiru tabelli fil-lokal rigward il-harsien tal-hedgehog.

10.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' tad-Djar sabiex isir tibjid u manutenzjoni tas-soqfa tal-komun ta' Blk 3 Triq Bice Mizzi Vassallo u

Juno Flats. Il-kelliem ippropona li d-Dipartiment jigi nfurmat li l-Kunsill lest li joffri l-materjal jekk id-Dipartiment jipprovdi l-haddiema.

10.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinhareg cirkulari ghar-residenti kollha fejn jigu nfurmati li ma jistax isir inxir ta' hwejjeg fuq barra li jigi fuq propjeta' pubblika. Il-kelliema pproponiet ukoll li fuq l-istess cirkulari jkun hemm informazzjoni dwar il-hinijiet tal-hrug ta' l-iskart u dwar il-BBQ's li jsiru fid-djar sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghall-girien.

10.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li hemm bzonn li jigu rrangati t-tabelli li hemm hdejn il-bajja vis-a-vis il-klieb kif ukoll li jsiru tabelli dwar il-BBQ's.

10.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsilliera sabiex jirrakkomandaw il-kliem li jixtiequ halli dawn ikunu jistghu jigu ordnati.

10.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jergghu jigu ordnati tabelli No Parking on the grass fil-picnic area li hemm bejn Triq Medjez u Triq Tunis u dik li hemm fi Triq Tobruk.

10.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li hemm bzonn li jsir dawl fi Trejqet il-Beatu Dun Gorg Preca kif ukoll li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ghall-garaxxijiet ta' taht l-art tal-common areas. Il-kelliema pproponiet ukoll li jintalab il-permess li jigu nstallati tlett lampi fit-triq li taghti ghall-ground ta' Pembroke Athleta.

10.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinkiteb ittra lill-Good Causes Fund dwar in-nuqqas ta' dawl li hawn fil-lokal u ghalhekk ghandha ssir talba ghal ghajnuna finanzjarja.

10.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet meta ser jibda x-xoghol fuq l-out crops tat-toroq.

10.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ghandu l-works orders ghalkemm s'issa l-Kunsill ghad m'ghandu ebda stima ghal dan ix-xoghol.

10.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar l-entratura ta' Pembroke pproponiet li ghandhom jergghu jinzerghu s-sigar fis-sit fejn ftit tal-gimghat ilu twitta s-sit sabiex ikunu jistghu jipparkjaw il-vetturi. Il-kelliema qalet li dan ghandu jsir sabiex ma jkunx hemm karozzi pparkjati minhabba li qed ikun abbuzat u qed ikun ikrah fejn qed jithallew vetturi ghal granet shah bin-numri tat-telefon fuqhom ghax ikunu ghal bejgh. Il-kelliema rrakomandat li jinzerghu ukoll creepers u b'hekk zgur ma jkunux jistghu jipparkjaw vetturi.

10.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat li kellha talba sabiex is-sur Andre Lo Po u s-sinjura Serena Lombardo minn Roccalumera jaghmlu perjodu ta' 6 gimghat li jibdew lejn l-ahhar ta' Gunju bhala work phase fil-Kunsill.

10.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li kienet dispjacuta li kien hemm stedina minghand il-Kappillan Dun Rene' Vella fl-okkazjoni tal-25 sena tieghu bhala qassis u qalet li jiddispjaciha li kienet l-unika wahda prezenti mill-Kunsill meta kien mistieden il-Kunsill kollu inkluz l-istaff. Il-kelliema qalet li hija predentiet li jkun hemm il-prezenza tal-Kunsill u l-istaff apparti li l-Kunsill lanqas wera rikonoxximent b'xi ghotja ta' tifkira. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija tistmerr dan in-nuqqas ghajr ghas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li kien skuzat minhabba li kien impenjat fil-Kunsill bit-tqassim tal-voti sat-8.15pm meta l-funzjoni kienet fis-7.00pm. Il-kelliema pproponiet li l-Kunsill jixtri tifkira lill-Kappillan.

10.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ma kienx attenda minhabba li kien nesa u kien diga skuza ruhu mal-Kappillan.

10.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ta' struzzjonijiet lil-iskrivana Kirsty Rizzo biex tiskuzah mal-Kappillan, izda sfortunatament din m'ghamlitux u l-messagg baqa' ma wasalx.

10.33. Il-Kunsillier Joe Brincat staqsa x'gara mit-talba tal-Kunsill lill-Awtorita' tad-Djar biex tinzebagh il-faccata ta' blokk 5 San Gorg.

10.34. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew kienet regghet intbaghtet reminder.

10.35. Il-laqgha ntemmet fl-22.30 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2009 fil-5.30 pm.

| Joe Zammit | Alfred Mazzitelli | Kevin Borg |
|---|---|---|
| **Sindku** | **Vici Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |